Nru. 18,015
Prezz 64ċ
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 2 ta' Jannar, 2007
Tuesday, 2nd January, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru 18,014 tad-29 ta' Diċembru, 2006.

A.L. Nru. 331 ta' l-2006: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2006 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.

A.L. Nru. 332 ta' l-2006: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2006 dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati.

A.L. Nru. 333 ta' l-2006: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek.

A.L. Nru. 334 ta' l-2006: Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

A.L. Nru. 335 ta' l-2006: Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti (Kap. 246); Ordni ta' l-2006 dwar Madliena Village Complex bħala Żona Speċjali Msemmija.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,014 of the 29th December, 2006.

L.N. No. 331 of 2006: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); National Minimum Wage National Standard Order, 2006.

L.N. No. 332 of 2006: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Wage Increase (Employees) National Standard Order, 2006.

L.N. No. 333 of 2006: Banking Act (Cap. 371); Declaration of Bank Holidays.

L.N. No. 334 of 2006: Value Added Tax Act (Cap. 406); Value Added Tax (Fifth Schedule Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 335 of 2006: Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act (Cap. 246); Madliena Village Complex (Designated Special Area) Order, 2006.

A.L. Nru. 336 ta' l-2006: Att ta' l-2006 li jemenda l-Att dwar Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2) (Att Nru. XIX ta' l-2006); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

It-2 ta' Jannar, 2007

L.N. No. 336 of 2006: Social Security (Amendment) (No. 2) Act, 2006 (Act No. XIX of 2006); Notice of coming into force.

2nd January, 2007

Nru. 2

KUMITAT TA' L-ESPLOŻIVI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta għoġbu japprova illi l-Kumitat ta' l-Esplożivi, nominat skond l-Artikolu 23 (1) ta' l-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33) ikun kostitwit kif ġej matul is-sena 2007.

Chairman
Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta jew ir-rappreżentant tiegħu

Membri
Il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu
Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet jew ir-rappreżentant tiegħu

It-2 ta' Jannar, 2007

No. 2

EXPLOSIVES COMMITTEE

IT is notified for general information that the President of Malta has been pleased to approve that the Explosives Committee, appointed in terms of Section 23 (1) of the Explosives Ordinance (Cap. 33) be constituted as follows during 2007.

Chairman
The Commander, Armed Forces of Malta or his representative

Members
The Commissioner of Police or his representative
The Director General (Works) or his representative

2nd January, 2007

Nru. 3

ATT DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA (KAP. 481)

Ħatra ta' *Chairperson* tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra ta' Dott. Marcelline Naudi, B.A., M.A. (Bradford), Ph.D. (Manch.), bħala *Chairperson* tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, minflok Dott. Miriam Camilleri, M.Sc., M.D., DLSHTM, għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2006 sat-28 ta' Frar 2009.

It-2 ta' Jannar, 2007

No. 3

DOMESTIC VIOLENCE ACT, (CAP. 481)

Appointment of Chairperson of the Commission on Domestic Violence

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 3 of the Domestic Violence Act, and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of Dr Marcelline Naudi, B.A., M.A. (Bradford), Ph.D. (Manch.), as Chairperson of the Commission on Domestic Violence, replacing Dr Miriam Camilleri, M.Sc., M.D., DLSHTM, for the period 1st December 2006 to the 28th February 2009.

2nd January, 2007

Nru. 4

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 4

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	27-29.12.2006

It-2 ta' Jannar, 2007

2nd January, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 1

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Jannar 2007 bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Santu Wistin, il-Mużew, Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja u Vjal Santu Wistin.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-2 ta' Jannar, 2007

POLICE NOTICE

No. 1

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Sunday, 14th January 2007 between 8.00 a.m. and 12.30 p.m. through the following streets: San Ġużepp, Santu Wistin, il-Mużew, Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja and Vjal Santu Wistin.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

2nd January, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 64 ta' l-2006

Tħaffir ta' boreholes 'l hinn minn Xatt il-Barriera

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf lill-baħħara kollha li Terracore Geoservices Ltd se jħaffru *boreholes* 'l hinn minn Xatt il-Barriera.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 64 of 2006

Drilling of boreholes off Barriera Wharf

The Malta Maritime Authority notifies all mariners that Terracore Geoservices Ltd will be carrying out borehole drilling off Barriera Wharf.

Ix-xogħol maħsub li jitlesta nhar is-Sibt, is-6 ta' Jannar, 2007. Se jintuża l-barkun "Hull 150", li se jkollu fuqu t-tagħmir tat-tħaffir.

Ix-xogħol se jsir fil-pożizzjonijiet A, B u Ċ kif muri fuq iċ-*chart*.

Pożizzjoni *Position*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude (E)*
A	35°53'.611	14°30'.758
B	35°53'.627	14°30'.793
C	35°53'.651	14°30'.832

Il-baħħara huma mwissija biex ibaħħru b'kawtela u bil-mod meta jkunu qrib l-inħawi msemmija hawn fuq.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: *BA Chart 177*.

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

It-2 ta' Jannar, 2007

The work should be completed by Saturday, 6th January 2007. They shall be using the barge "Hull 150", which will have the drilling equipment mounted on it.

The work will be carried out at the following positions A, B and C as shown on attached chart.

Mariners are advised to navigate with caution and slow speed in the vicinity of the above-mentioned area.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA Chart 177.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

2nd January, 2007

DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR
U KO-ORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET,
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Il-Gvern ta' Malta jistieden il-pubbliku ġenerali biex jieħu sehem fi:–

Konsultazzjoni Pubblika dwar it-Tieni Abbozz ta' l-Istima Ambjentali Strateġika għall-Programm Operattiv ta' Malta I – 2007-2013

Wieħed jista' jniżżel dan id-dokument minn:
http://ppcd.gov.mt or http://mfin.gov.mt

Kummenti jistgħu jintbagħtu lis-*SEA Audit Team* fuq l-indirizz ta' l-*e-mail*:
sea_audit_team@gov.mt
jew bil-posta lil:
Dott. Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent,
Barriera Wharf,
Valletta

PLANNING AND PRIORITIES
COORDINATION DIVISION,
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

The Government of Malta invites the general public to participate in the:–

Public Consultation on the Second Draft Environmental Report for the Strategic Environment Assessment of Malta's Operational Programme I – 2007-2013

This document can be dowloaded from:
http://ppcd.gov.mt or http://mfin.gov.mt

Comments may be sent to the SEA Audit Team on e-mail address:
sea_audit_team@gov.mt
or by post to:
Dr Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Ministry for Rural Affairs and the Environment,
Barriera Wharf,
Valletta

Id-data ta' l-għeluq hija nhar it-Tnejn, it-8 ta' Jannar, 2007.

It-2 ta' Jannar, 2007

The closing date is Monday, 8th January, 2007.

2nd January, 2007

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali (FEZR)
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project part-financed by the European Regional Development Fund (ERDF)

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Jannar, 2007, għal:

CT 407/2006. Provvista ta' pilloli *isosorbide dinitrate 10mg tablets* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 408/2006. Provvista ta' *gamma globulin human for intravenous administration* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 409/2006. Provvista u stallazzjoni ta' *digital processor* għas-sezzjoni fotografija tal-laboratorju tal-forensika - Dipartiment tal-Pulizija. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 436/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' żraben tal-mixi tan-nisa lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Jannar, 2007, għal:

CT 417/2006. Servizzi ta' żewġ (2) infermiera kwalifikati biex jaħdmu ma' immigranti irregolari – Forzi Armati ta' Malta.

CT 418/2006. Servizzi ta' żewġ (2) tobba biex jaħdmu ma' immigranti irregolari – Forzi Armati ta' Malta.

CT 423/2006. Provvista ta' pilloli *combination of rifampicin 150mg* u *isoniazid 100mg* u pilloli *combination of rifampicin 300mg* u *isoniazid 150mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 424/2006. Provvista ta' *anti-haemophilia factor VIII intermediate purity* – Diviżjoni tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 9th January, 2007, for:

CT 407/2006. Supply of isosorbide dinitrate 10mg tablets - Health Division.

CT 408/2006. Supply of gamma globulin human for intravenous administration - Health Division.

CT 409/2006. Supply and installation of a digital processor for the forensic laboratory photographic section - Police Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 436/2006. Period contract for the supply of female walking shoes to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 11th January, 2007, for:

CT 417/2006. Services of two (2) qualified nurses to work with irregular immigrants - Armed Forces of Malta.

CT 418/2006. Provision of service by two (2) medical doctors to work with irregular immigrants - Armed Forces of Malta.

CT 423/2006. Supply of combination of rifampicin 150mg and isoniazid 100mg tablets and combination of rifampicin 300mg and isoniazid 150mg tablets - Health Division.

CT 424/2006. Supply of anti-haemophilia factor VIII intermediate purity - Health Division.

CT 425/2006. Provvista ta' kapsoli *stavudine 40mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Jannar, 2007, għal:

CT 427/2006. Provvista ta' pilloli *efavirenz 600mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 428/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *atropine sulphate 1mg/10ml* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 429/2006. Provvista ta' faxex bil-*hydrocolloid dressings 20cm X 20cm* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 430/2006. Provvista ta' *dextrose 5% in sodium chloride 0.45% X 500ml IV infusion BP/EP* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 456/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' uniformijiet tas-sajf, qliezet u dbielet għas-sena 2007 lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 457/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' qomos tas-sajf għas-sena 2007 lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 413/2006. Provvista ta' pilloli *sodium valproate 299mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Novembru 2006.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Jannar, 2007, għal:

CT 437/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista, konsenja u stivar ta' *profiles* ta' l-aluminju - Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi (MSD). Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 438/2006. Provvista ta' *cracker bread* mingħajr glutina - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 439/2006. Provvista ta' pilloli *carbamazepine CR 400mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 440/2006. Provvista ta' pilloli *prednisolone 5mg enteric-coated* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 441/2006. Provvista ta' *toilet ware hampers - Welfare Committee*.

CT 442/2006. Provvista ta' pilloli *fusidate sodium 250mg*- Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 443/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *fluconazole 2mg/ml* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 444/2006. Provvista ta' pilloli *oxypentifylline 400mg*- Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 425/2006. Supply of stavudine 40mg capsules - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 16th January, 2007, for:

CT 427/2006. Supply of efavirenz 600mg tablets - Health Division.

CT 428/2006. Supply of atropine sulphate 1mg/10ml injections - Health Division.

CT 429/2006. Supply of hydrocolloid dressings 20cm X 20cm - Health Division.

CT 430/2006. Supply of dextrose 5% in sodium chloride 0.45% X 500ml IV infusion BP/EP - Health Division.

CT 456/2006. Period contract for the supply of summer uniforms, trousers and skirts for the year 2007 to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 457/2006. Period contract for the supply of summer shirts for the year 2007 to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 413/2006. Supply of sodium valproate 200mg tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th November 2006.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 18th January, 2007, for:

CT 437/2006. Period contract for the supply, delivery and stacking of aluminium profiles - Manufacturing and Services Department (MSD). A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 438/2006. Supply of gluten free cracker bread - Health Division.

CT 439/2006. Supply of carbamazepine CR 400mg tablets - Health Division.

CT 440/2006. Supply of prednisolone 5mg enteric-coated tablets - Health Division.

CT 441/2006. Supply of toilet ware hampers - Welfare Committee.

CT 442/2006. Supply of fusidate sodium 250mg tablets - Health Division.

CT 443/2006. Supply of fluconazole 2mg/ml injections - Health Division.

CT 444/2006. Supply of oxypentifylline 400mg tablets - Health Division.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-23 ta' Jannar, 2007, għal:

CT 414/2006. Servizzi ta' trasport marittimu bejn il-Gżejjer ta' Malta u (a) wieħed minn bejn il-portijiet ta' Ġenova jew Reggio Calabria u (b) Palermo jew Catania - Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Novembru 2006.

CT 416/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *xerographic paper* lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Novembru 2006.

CT 419/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *meropenem 1g IV* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-27 ta' Novembru 2006.

CT 420/2006. Provvista ta' pilloli *potassium chloride* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-27 ta' Novembru 2006.

CT 421/2006. Provvista ta' *human albumin 20% solution* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Novembru 2006.

CT 422/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *alteplase 50mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Novembru 2006.

CT 448/2006. Bini ta' wieħed u għoxrin appartamenti (21) u tmintax (18)-il garaxx li jinkludi tlestija ta' partijiet komuni fi Triq il-Fieres, Ħal Kirkop - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm150 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Jannar, 2007, għal:

CT 426/2006. Provvista u stallazzjoni ta' apparat ta' l-elettriku (Magħtab *Waste Management Complex)* - Wasteserv Malta Limited. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-30 ta' Novembru 2006.

CT 449/2006. Provvista b'kiri ta' *platelet collection filtration and storage systems* bit-tagħmir – Diviżjoni tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd January, 2007, for:

CT 414/2006. Provision of maritime transport services for goods between the Islands of Malta and (a) any one port between the ports of Genoa and Reggio Calabria and (b) Palermo or Catania - Ministry for Competitiveness and Communications.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th November 2006.

CT 416/2006. Period contract for the supply of xerographic paper to the Procurement Section of the Contracts Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 27th November 2006.

CT 419/2006. Supply of meropenem 1g IV injections - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 27th November 2006.

CT 420/2006. Supply of potassium chloride tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 27th November 2006.

CT 421/2006. Supply of human albumin 20% solution - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 28th November 2006.

CT 422/2006. Supply of alteplase 50mg injections - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 28th November 2006.

CT 448/2006. Construction of twenty one (21) apartments and eighteen (18) lock up garages including finishing of common parts at Triq il-Fieres, Kirkop - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm150 for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th January, 2007, for:

CT 426/2006. Supply and installation of electrical equipment (Magħtab Waste Management Complex) - Wasteserv Malta Limited. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 30th November 2006.

CT 449/2006. Supply of platelet collection filtration and storage systems with equipment on loan - Health Division.

CT 450/2006. Provvista ta' *contrast medium for oral and rectal use* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 451/2006. Provvista ta' *gelatin modified fluid* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 452/2006. Provvista ta' *amoxycillin and clavulanic acid oral suspension* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Jannar, 2007, għal:

CT 431/2006. Provvista ta' *teicoplanin 200mg vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Diċembru 2006.

CT 432/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *desferrioxamine 500mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Diċembru 2006.

CT 433/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *ceftazidime 1g* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Diċembru 2006.

CT 434/2006. Provvista ta' pilloli *nevirapine 200mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Diċembru 2006.

CT 435/2006. Provvista ta' pilloli *sirolimus 1mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Diċembru 2006.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-1 ta' Frar, 2007, għal:

CT 445/2006. Servizz ta' tqattigħ ta' *tyres* - Wasteserv Malta Limited. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' Diċembru 2006.

CT 446/2006. Provvista ta' *neutral human biosynthetic isophane insulin suspension* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' Diċembru 2006.

CT 447/2006. Provvista ta' *biosynthetic biphasic insulin* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' Diċembru 2006.

CT 458/2006. Xogħlijiet ta' aluminju fl-Iskola Primarja ta' Ħal Lija, Ħal Lija - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 450/2006. Supply of contrast medium for oral and rectal use - Health Division.

CT 451/2006. Supply of gelatin modified fluid - Health Division.

CT 452/2006. Supply of amoxycillin and clavulanic acid oral suspension - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th January, 2007, for:

CT 431/2006. Provision of teicoplanin 200mg vials - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 4th December 2006.

CT 432/2006. Provision of desferrioxamine 500mg injections - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 4th December 2006.

CT 433/2006. Provision of ceftazidime 1g injections - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 4th December 2006.

CT 434/2006. Provision of nevirapine 200mg tablets - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 4th December 2006.

CT 435/2006. Provision of sirolimus 1mg tablets - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 4th December 2006.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 1st February, 2007, for:

CT 445/2006. Provision of service for the shredding of tyres - Wasteserv Malta Limited. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.
The EU Contract Notice was dispatched on the 6th December 2006.

CT 446/2006. Supply of neutral human biosynthetic isophane insulin suspension - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 6th December 2006.

CT 447/2006. Supply of biosynthetic biphasic insulin - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 6th December 2006.

CT 458/2006. Aluminium works at the Lija Primary School, Lija - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-8 ta' Frar, 2007, għal:

CT 453/2006. Servizzi ta' inġinerija ta' kostruzzjoni għal bini ta' faċilità b'mitejn u tmenin sodda (280) - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Diċembru 2006.

CT 454/2006. Servizzi ta' arkitettura għal bini ta' faċilità b'mitejn u tmenin sodda (280) - Diviżjoni tas- Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Diċembru 2006.

CT 455/2006. Provvista ta' pilloli *ropinirole/pramipexole* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' Diċembru 2006.

CT 459/2006. Provvista b'kiri ta' *reagents* u tagħmir għal *PH/blood gas analysis* u *coagulation studies* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-15 ta' Frar, 2007, għal:

CT 412/2006. Provvista ta' *gamma globulin human for intravenous administration* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Novembru 2006.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-20 ta' Frar, 2007, għal:

CT 460/2005. Provvista ta' *digital closed circuit television (CCTV)* sistema ta' sigurtà għall-portijiet u bajjiet Maltin - Awtorità Marittima ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm150 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-26 ta' Diċembru 2006.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp *(ERDF)*. *(Budget* Allokat: Lm171,720 mingħajr V.A.T.).

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 8th February, 2007, for:

CT 453/2006. Building engineering services for the construction of a two hundred and eighty (280) bed facility - Health Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 14th December 2006.

CT 454/2006. Architectural services for the construction of a two hundred and eighty (280) bed facility - Health Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 14th December 2006.

CT 455/2006. Supply of ropinirole/pramipexole tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 14th December 2006.

CT 459/2006. Supply of reagents and equipment on loan for PH/blood gas analysis and coagulation studies - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 15th February, 2007, for:

CT 412/2006. Supply of gamma globulin human for intravenous administration - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th November 2006.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 20th February, 2007, for:

CT 460/2005. Supply of digital closed circuit television (CCTV) security system for Maltese ports, harbours and bays - Malta Maritime Authority. A fee of Lm150 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 26th December 2006.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm171,720 excluding V.A.T.).

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-2 ta' Jannar, 2007

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

It-2 ta' Jannar, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 414/2006. Servizzi ta' trasport marittimu bejn il-Gżejjer ta' Malta u (a) wieħed minn bejn il-portijiet ta' Ġenova jew Reggio Calabria u (b) Palermo jew Catania - Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Novembru 2006.

Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin ta' l-għeluq ta' l-avviż imsemmi hawn fuq hi t-TLIETA, it-23 ta' Jannar 2007 u għandha tidħol minflok l-avviż li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-TLIETA, it-28 ta' Novembru 2006.

It-2 ta' Jannar, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 412/2006. Provvista ta' *gamma globulin human for intravenous administration* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Novembru 2006.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tal-HAMIS, il-15 ta' Frar 2007.

It-2 ta' Jannar, 2007

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

2nd January, 2007

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

2nd January, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 414/2006. Provision of maritime transport services for goods between the Islands of Malta and (a) any one port between the ports of Genoa and Reggio Calabria and (b) Palermo or Catania - Ministry for Competitiveness and Communications.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th November 2006.

The Director General of Contracts notifies for general information that the closing date and time for the above mentioned advert is TUESDAY, 23rd January 2007 and supersedes the one published in the Government Gazette of TUESDAY, 28th November 2006.

2nd January, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 412/2006. Supply of gamma globulin human for intravenous administration - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th November 2006.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 15th February 2007.

2nd January, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 413/2006. Provvista ta' pilloli *sodium valproate 299mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Novembru 2006.

Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin ta' l-għeluq ta' l-avviż imsemmi hawn fuq hi t-TLIETA, is-16 ta' Jannar 2007 u għandha tidħol minflokk l-avviż li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-ĦAMIS, l-24 ta' Novembru 2006.

It-2 ta' Jannar, 20076

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 413/2006. Supply of sodium valproate 200mg tablets - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th November 2006.

The Director of Contracts notifies for general information that the closing date and time for the above mentioned advert is TUESDAY, 16th January 2007 and supersedes the one published in the Government Gazette of THURSDAY, 24th November 2006.

2nd January, 2007

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 4 ta' Jannar, 2007.

Avviż Nru. 238. Bejgħ:

(a) tad-Diretti Dominji Temporanji u ċ-ċnus relattivi ta' erbatax-il ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm0.14,6) fis-sena tal-fond Nru.2, erbatax-il ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm0.14,6) fis-sena tal-fond Nru.3, u Lira Maltija, erbgħin ċenteżmu u erba' milleżmi (Lm1.40,4) fis-sena tal-fond Nri. 4 u 5, kollha fi Triq San Pietru, Tas-Sliema, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-30 ta' Ġunju, 2012, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tas-27 ta' Lulju, 1863 u kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Calleja Schembri tat-18 ta' Frar, 1881, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemmu l-imsemmija ċnus temporanji ta' l-imsemmija fondi;

(b) tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ħamsin ċenteżmi (Lm0.50) fis-sena tal-fond Nru.75 Triq il-Katidral, Tas-Sliema, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-30 ta' Ġunju, 2012, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tas-27 ta' Lulju, 1863 u kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Calleja Schembri tat-18 ta' Frar, 1881, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju ta' l-istess fond;

(ċ) tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' erbgħin Liri Maltin (Lm40.00) fis-sena tal-Fond Nru.76 Triq il-Katidral, Tas-Sliema, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-28 ta' Ottubru, 2119, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropoli tas-27 ta' Lulju, 1863 u kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tad-29 ta' Ottubru, 1969, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju ta' l-istess fond.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:–

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 4th January, 2007.

Advt. No. 238. Sale of:

(a) the Temporary Directa Dominia and relative groundrents of fourteen cents six mills (Lm0.14,6) per annum on premises No.2, fourteen cents six mills (Lm0.14,6) per annum on Premises No.3, and one Maltese Lira forty cents and four mills (Lm1.40,4) on Premises Nos. 4 and 5, all in Saint Peter Street, Sliema, for the remaining period which expires on the 30th June, 2012, as per deed in the acts of Notary Giuseppe Metropoli dated 27th July, 1863 and deed in the acts of Notary Giovanni Calleja Schembri dated 18th February, 1881, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis of the above mentioned premises;

(b) the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of fifty cents (Lm0.50) per annum on Premises No. 75 Cathedral Street, Sliema, for the remaining period which expires on the 30th June, 2012, as per deed in the acts of Notary Giuseppe Metropoli dated 27th July, 1863 and deed in the acts of Notary Giovanni Calleja Schembri dated 18th February, 1881, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis of the said premises;

(c) the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of forty Malta Liri (Lm40.00) per annum on Premises No. 76 Cathedral Street, Sliema, for the remaining period which expires on the 28th October, 2119, as per deed in the acts of Notary Giuseppe Metropoli dated 27th July, 1863 and deed in the acts of Notary Paul Pullicino dated 29th October, 1969, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis of the said premises.

Il-proprjetajiet hawn fuq imsemmija twaqqgħu kollha u nbidlu f'lukanda fi Triq San Pietru kantuniera ma' Triq il-Katidral, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_8_2006. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm3,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

The above properties have all been demolished and converted into a hotel in Saint Peter Street corner with Cathedral Street, Sliema, as shown edged in red on plan P.D.JO_8_2006. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm3,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Avviż Nru. 239. Bejgħ ta' sit fi Triq l-Imġarr, iż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2006_931. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Advt. No. 239. Sale of a site in Triq l-Imġarr, Żebbiegħ, limits of Mġarr, shown edged in red on plan P.D. 2006_931. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Avviż Nru. 240. Bejgħ ta' sit fi Triq Santa Marija, Sqaq Nru.1, Ħal Tarxien, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_47_2006. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Advt. No. 240. Sale of a site in Triq Santa Marija, Alley No. 1, Tarxien, shown edged in red on plan P.D.JO_47_2006. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Avviż Nru. 241. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju ta' ħamsin Lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm50.10) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fis-27 ta' April, 2032, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini tal-21 ta' Diċembru, 1982, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fi Triq Marju Schembri, Ħal Tarxien, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D. 249/81/1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Advt. No. 241. Sale of the Temporary Directum Dominium of fifty Malta Liri and ten cents (Lm50.10) per annum, for the remaining period which expires on the 27th April, 2032, as per deed in the acts of Notary Franco Pellegrini dated 21st December, 1982, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the site in Triq Marju Schembri, Tarxien, shown edged in red on plan L.D. 249/81/1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Avviż Nru. 242. Kiri, biex jintuża biss għall-bejgħ ta' laħam u prodotti tal-laħam, tal-ħanut Nru. 24 u maħżen Nru. 24A, fis-Suq tal-Belt, Triq il-Merkanti, Valletta, murija bl-aħmar fuq pjanta L.D.17A/83/A u pjanta L.D. 17/83/A rispettivament.

Advt. No. 242. Lease, to be used for the sale of fresh meat and meat products only, of the Shop No. 24 and Store No. 24A at the Valletta Market, Merchants Street, Valletta, shown edged in red on plan L.D.17A/83/A and plan L.D. 17/83/A respectively.

Avviż Nru. 243. Kiri tal-kamra fil-limiti ta' l-Imġarr, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D.163/79. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

Advt. No. 243. Lease of a room in the limits of Mġarr, shown in red on plan L.D.163/79. Tenderers are to state purpose of lease.

Avviż Nru. 244. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit bejn Blokk A u Blokk B fil-Qasam tad-Djar Tal-Qattus, Ħal Għaxaq, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D. 66/78/4.

Advt. No. 244. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site between Blocks A and B in Tal-Qattus Housing Estate, Għaxaq, shown edged in red on plan L.D. 66/78/4.

Avviż Nru. 245. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit ħdejn Blokk A Qasam tad-Djar, Birżebbuġa, muri bl-aħmar u mmarkat Nru.16 fuq pjanta L.D. 14/83/4/A.

Advt. No. 245. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site adjacent to Block A Housing Estate, Birżebbuġa, shown edged in red and marked No.16 on plan L.D.14/83/4/A.

Sas-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, il-15 ta' Jannar 2007, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż. Nru. MCAST T. 31/06. Xogħlijiet ta' l-aluminju fl-Istitut ta' l-Inġinerija Mekkanika tal-MCAST *(Motor Vehicle Roof),* MCAST Main Campus, Kordin, Raħal Ġdid.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

It-2 ta' Jannar, 2007

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Monday, 15th January, 2007, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 31/06. Aluminium works at MCAST Institute of Mechanical Engineering (Motor Vehicle Roof), MCAST Main Campus, Corradino, Paola.

A fee of Lm10 should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

2nd January, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, il-15 ta' Jannar 2007, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż. Nru. ERDF 13 - MCAST T. 30/06. Manifattura, provvista u stallazzjoni ta' xogħlijiet ta' l-aluminju fl-*MCAST Workshop Complex,* ix-Xewkija, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sa l-4.00 p.m.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

European Regional Development Fund

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Monday, 15th January, 2007, from interested parties for:-

Advt. No. ERDF 13 - MCAST T. 30/06. Manufacture, supply and installation of aluminium works at the MCAST Workshop Complex, Xewkija, Gozo.

A fee of Lm10 should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

L-offerti għandhom jingħalqu f'envelop u indirizzati lill-Prinċipal MCAST. Għandhom ikunu mmarkati bil-kodiċi u titlu rispettiv kif jidher hawn fuq.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

L-MCAST iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi offerta jew l-offerti kollha sottomessi.

It-2 ta' Jannar, 2007

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Principal MCAST. They should be marked with the respective code and title as stated above.

Late offers will not be accepted

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

2nd January 2007

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġetti Parti-Iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Ko-Finanzjament: 75% UE u 25% Gvern ta' Malta
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Projects Part-Financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-Financing Rate: 75% EU and 25% Malta Government

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, il-15 ta' Jannar 2007, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż. Nru. ERDF 9 - MCAST T. 29/06. Manifattura, provvista u stallazzjoni fix-xogħlijiet ta' l-aluminju fiċ-*Child Care Centre,* MCAST Main Campus*,* Kordin, Raħal Ġdid.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sa l-4.00 p.m.

L-offerti għandhom jingħalqu f'envelop u indirizzati lill-Prinċipal MCAST. Għandhom ikunu mmarkati bil-kodiċi u titlu rispettiv kif jidher hawn fuq.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

European Regional Development Fund

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Monday, 15th January, 2007, from interested parties for:-

Advt. No. ERDF 9 - MCAST T. 29/06. Manufacture, supply and installation of aluminium works at the Child Care Centre, MCAST Main Campus, Corradino, Paola.

A fee of Lm10 should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Principal MCAST. They should be marked with the respective code and title as stated above.

Late offers will not be accepted

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

L-MCAST iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi offerta jew l-offerti kollha sottomessi.

It-2 ta' Jannar, 2007

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part on in whole, any or all tenders submitted.

2nd January 2007

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġetti Parti-Iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Ko-Finanzjament: 75% UE u 25% Gvern ta' Malta
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Projects Part-Financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-Financing Rate: 75% EU and 25% Malta Government

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-9 ta' Jannar, 2007 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 2000. *Fiberoptic light carriers.*
Kwot. PFI Nru. 2002. *Amylobarbitone 50mg and Quinalbarbitone 50mg tablets.*
Kwot. PFI Nru. 2003. *Clonazepam injections 1mg/ml.*

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-2 ta' Jannar, 2007

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 9th January 2007, for:-

Quot. PFI No. 2000. Fiberoptic light carriers.
Quot. PFI No. 2002. Amylobarbitone 50mg and Quinalbarbitone 50mg tablets.
Quot. PFI No. 2003. Clonazepam injections 1mg/ml.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

2nd January, 2007

KUNSILL LOKALI MOSTA

Il-Kunsill Lokali Mosta jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Jannar, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that:–

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 12th January, 2007, for:–

Avviż Nru. KLM 01/07. Provvista u konsenja ta' arbli tad-dawl għall-Ġnien Reggie Cilia.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. KLM 02/07. Provvista u stallazzjoni ta' ċentru fejn jilagħbu (rikreazzjoni) għat-tfal fil-Ġnien Reggie Cilia.

Għandu jitħallas dritt ta Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill minn nhar l-Erbgħa 3 ta' Jannar 2007 'il quddiem bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m.

L-offerti jinfetħu wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Offerti mitfugħa mingħajr il-*Bid Bond* jew wara l-ħin stipulat ma jiġux ikkunsiderati.

It-2 ta' Jannar, 2007

Advt. No. KLM 01/07. Supply and delivery of lamp posts at Ġnien Reggie Cilia, Mosta.

A fee of Lm20 is to be paid for every copy of tender document.

Advt. No. KLM 02/07. Supply and installation of a play (fun) centre for children at Ġnien Reggie Cilia at Mosta.

A fee of Lm15 is to be paid for every copy of tender document.

Tender documents can be collected from the Council's Offices as from Wednesday 3rd January 2007 onwards, between 8.00 a.m. and 4.00 p.m.

The tenders will be opened immediately at the closing time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

Tenders which are submitted without the relevant Bid Bond or after the closing date will not be considered.

2nd January, 2007

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Żurrieq jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-30 ta' Jannar, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. RP67/01/07. Manutenzjoni ta' toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. SA67/02/07. Żamma u manutenzjoni ta' *soft areas*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Żurrieq, 'Ċentru tal-Komunità Joe Cassar', Triq Pietru Pawl Saydon, iż-Żurrieq ŻRQ 02.

It-2 ta' Jannar, 2007

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Żurrieq Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 30th January 2007, for:–

Advt. No. RP67/01/07. Roads' maintenance.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. SA67/02/07. Upkeep and maintenance of soft areas.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Copies of tender documents may be obtained from the Żurrieq Local Council's Office, 'Ċentru tal-Komunità Joe Cassar', Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq ŻRQ 02.

2nd January, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet moghti fis-17 ta' Ottubru 2006, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 300/2006 JRM, fl-ismijiet Stanley Castillo et vs Joseph Friggieri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Joseph u Sandra konjugi Friggieri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' April 2006, fl-ismijiet Stanley Castillo ID Card Nru. 29150(M) u martu Jane Castillo ID Card Nru. 402052(M) vs Joseph Friggieri ID Card Nru. 201766(M) u martu Alexandra sive Sandra Friggieri ID Card Nru. 391365(M), bħala debituri prinċipali, Alexander Caruana ID Card Nru. 734962(M) u martu Rita Caruana ID Card Nru. 53164(M) bħala terzi pussessuri, il-konjugi Stanley u Jane Castillo, esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw:

Illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Stanley Castillo et vs Joseph Friggieri et, deċiża fil-21 ta' Ottubru 1997 (Ċitazzjoni Numru 2314/1996 FDP) il-protestanti ġew kanonizzati kredituri tal-protestati l-konjugi Friggieri, fis-somma ta' sebgħa u sittin elf lira Maltija (Lm67,000) oltre l-imgħaxijiet legali, bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-kreditu hawn fuq imsemmi hu munit b'ipoteka speċjali reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, permezz ta' nota ta' insinwa numru 12680/2000 (Dokument SC1) fuq id-dar bil-garage anness bl-isem ta' 'Mystic Rose' esternament bla numru fi triq ġdida bla isem mibnija fuq plot numru mija u ħamsa u ħamsin (155) formanti parti mill-artijiet tas-Swatar, Msida u konfinanti min-Nofsinhar ma' triq ġdida bla isem u mil-Lvant u Punent ma' beni ta' l-Awtorità tad-Djar, libera u franka;

Illi fil-bejgħ bl-irkant miżmum taħt l-Awtorità ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-2 ta' Diċembru 2003, Subbasta numru 27/2001, fl-ismijiet HSBC Home Loans (Malta) Limited vs Joseph u Sandra konjugi Friggieri, il-proprjetà immobiljarja fuq imsemmija, dak iż-żmien proprjetà tal-protestati Joseph u Alexandra sive Sandra konjugi Friggieri, ġie liberat, a favur Alexander u Rita konjugi Caruana,…Omissis…

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree, given on the 17th October 2006, in the records of the Sworn Application 300/2006 JRM, in the names Stanley Castillo et vs Joseph Friggieri et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Joseph and Sandra spouses Friggieri, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall of the Civil Court, on the 7th April 2006, in the names Stanley Castillo ID Card No. 29150(M) and his wife Jane Castillo ID Card No. 402052(M) vs Joseph Friggieri ID Card No. 201766(M) and his wife Alexandra sive Sandra Friggieri ID Card No. 391365(M), as principal debtors, Alexander Caruana ID Card No. 734962M) and his wife Rita Caruana ID Card No. 53164(M) as third parties in possession, the spouses Stanley and Jane Castillo, pleaded with respect and confirmed by their oath:

That in virtue of a judgement of the First Hall Civil Court, in the names Stanley Castillo et vs Joseph Friggieri et, decided on the 21st October 1997 (Writ of Summons Number 2314/1996 FDP) the protesting parties were declared creditors of the respondents spouses Friggieri, in the sum of sixty seven thousand Maltese Liri (Lm67,000) besides legal interest, at the rate of eight per cent (8%) till the date of effective payment;

That the credit above mentioned is secured by a special hypothec, registered in the Public Registry of Malta, by means of a note of enrolment number 12680/2000 (Document SC1) burdening the house, with the annexed garage, with the name 'Mystic Rose' externally without number in a new unnamed road built on a plot number one hundred and fifty five (155) forming part of the lands tas-Swatar, Msida and bordering on the South with a new unnamed road and on the East and West with property of the Housing Authority, free and unencumbered;

That in the judicial sale by auction held under the Authority of the Honourable First Hall Civil Court, on the 2nd December 2003, Judicial Sale number 27/2001, in the names HSBC Home Loans (Malta) Limited vs Joseph and Sandra spouses Friggieri, the immovable property above mentioned, at that time, property of the respondents Joseph and Alexandra sive Sandra spouses Friggieri, was adjudicated in favour of Alexander and Rita spouses Caruana…Omissis…

Illi in forza tal-protest ġudizzjarju tad-19 ta' Ottubru 2005 u li jġib in-numru: 426/2005 (Dokument SC3) l-intimati konjugi Joseph u Alexandra sive Sandra Friggieri, ġew interpellati sabiex iħallsu d-dejn minnhom dovut u lill-konjugi Alexander u Rita konjugi Caruana ġew interpellati sabiex a tenur ta' l-Artikolu 2071 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jirrilaxxjaw mingħajr ebda riservi l-immobili fuq imsemmi jew iħallas id-dejn ipotekarju fl-intier tiegħu,…Omissis…

Għaldaqstant l-intimati għandhom jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara illi fuq id-dar bil-garage anness bl-isem ta' 'Mystic Rose' esternament bla numru fi triq ġdida bla isem mibnija fuq plot numru mija u ħamsa u ħamsin (155) formanti parti mill-artijiet tas-Swatar, Msida u konfinanti minn Nofsinhar ma' Triq ġdida bla isem u mill-lvant u Punent ma' beni ta' l-Awtorità tad-Djar, libera u franka huwa kolpit minn Ipoteka Speċjali reġistrata fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta permezz ta' nota ta' l-insinwa numru 12680/2000 (Dokument SC1);

2. Tiddikjara li l-intimati baqgħu inadempjenti nonostante li ġew interpellati bil-protest ipotekarju fuq imsemmi;

3. Tordna l-bejgħ b'subbasta ta' l-immobili msemmi fl-ewwel talba tar-rikorrenti, sabiex mir-rikavat ir-rikorrenti jkunu jistgħu jħallsu l-kreditu tagħhom.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-protest ipotekarju, tad-19 ta' Ottubru 2005, kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Lista tax-xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika: (1) Joseph Friggieri, 155, Mystic Rose, Indrì Grima Street, Swatar, Msida.

(2) Alexandra sive Sandra Friggieri, 155, Mystic Rose, Indrì Grima Street, Swatar, Msida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That in virtue of a judicial protest of the 19th October 2005 and which bears the number: 462/2005 (Document SC3) the respondents spouses Joseph and Alexandra sive Sandra Friggieri, were called to pay the debt due by them and to the spouses Alexander and Rita spouses Caruana, were called upon so that in terms of Article 2071 of the Civil Code of Malta (Chapter 16 of the Laws of Malta) so that they release without any reservations, the immovable above mentioned or pay the hypothecary debt in its entirety…Omissis…

Thus the respondents are to state why this Honourable Court should not;

1. Declare that the house with the attached garage with the name of 'Mystic Rose' externally, without number in a new unnamed road and built on plot number one hundred and fifty (155) forming part of the lands tas-Swatar, Msida and burdening on the South with a new unnamed Road and on the East and West with property of the Housing Authority, free and unencumbered, is burdened with a special hypothec registered in the Public Registry of Malta, by means of note of enrolment number 12680/2000 (Document SC1);

2. Declare that the respondents remained in default notwithstanding that they were called upon by the hypothecary protest above mentioned;

3. Order the sale by licitation of the immovables mentioned in the first demand of the applicants, so that from the income, the applicants can pay their debt.

With costs, including the hypothecary protest, of the 19th October 2005, against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify: (1) Joseph Friggieri, 155, Mystic Rose, Indrì Grima Street, Swatar, Msida.

(2) Alexandra sive Sandra Friggieri, 155, Mystic Rose, Indrì Grima Street, Swatar, Msida.

Registry of the Superior Courts, today 28th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet ta' l-24 ta' Lulju 2006, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fl-24 ta' Lulju 2006, fuq talba ta' Avv. Dott. Luigi A. Sansone noe, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati, sabiex jirrappreżentaw lill-Visa Negoce (SARL) Import Export fl-atti tar-Rikors 653/06 JRM fl-ismijiet Dott. Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Lulju 2006, mill-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) , LL.D. detentur tal-karta ta' l-identità numru 258269 , ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' Chanel Limited, kumpannija estera ta' nazzjonalità Ingliża reġistrata fir-Reġistru tal-kumpanniji ta' l-Ingilterra u Wales,magħruf bħala Companies House, bin-numru ta' Reġistrazzjoni 203669 u b'indirizz reġistrat ta' 19/21, Old Bond Street, Londra W.I, kontra Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Visa Negoce (SARL) Import Export ta' 341, Rue 10, Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca, il-Marokk; ir-rikorrenti espona bir-rispett;

1. Illi s-soċjetà attriċi Chanel Limited, magħrufa sew fil-kamp tal-moda madwar id-dinja, inkluż f'Malta, inter alia in konnessjoni ma' boroż (handbags), nuċċalijiet tax-xemx, xalpi (scarves), xugamani u arloġġi ta' l-idejn, hija proprjetarja ta' diversi trademarks,li jkopru dan in-negozju tagħha u, jew li huma relatati man-negozju tagħha;

2. Illi b'ħila u b'invenzjoni kif ukoll b'ħafna sagrifiċċju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti tagħha, is-soċjetà attriċi akkwiżixxiet reputazzjoni u avvjament enormi…Omissis…

3. Illi fost oħrajn, is-soċjetà attriċi għandha validament reġistrati f'Malta t-trademarks bin-numri ta' reġistrazzjoni 13950 (għall-kelma 'Chanel') u 13951 (għat-tikketta ċirkolari 'CC' dwar boroż/handbags fost oħrajn, 26136 (għall-kelma 'Chanel') u 26137 (għat-tikketta ċirkolari 'CC'), 9139, u 13952 u 16384 u 16434,

4. Illi s-soċjetà attriċi hija 'detentriċi ta' dritt' għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjetà Intellettwali …Omissis…

It is hereby notified that by a decree of the 24th July 2006, the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To the Marshal of the Courts

Whereas by a decree given by this Court on the 24th July 2006, following a request of Advocate Dr. Luigi A. Sansone noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen, to represent VISA Negoce (SARL) Import Export, in the records of the Application 653/06 JRM, in the names Dr. Lugi A. Sansone noe vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court on the 17th July 2006, by Advocate Dr. Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons), LLD., Holder of identity card number 258269, letter 'M' as special mandatary of Chanel Limited, a foreign company domiciled in England, registered in the Register of Companies of England and Wales, known as Companies House, with Registration number 203669 and with a registered address of 19/21, Old Bond Street, London, W.I. against Deputy Curators to represent VISA Negoce (SARL) Import Export of 341, Rue 10, Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca, Marokk; the applicant pleaded with respect:

1. That the plaintiff company Chanel Limited, well known in the fashion world around the world, including Malta, inter alia, in connection with handbags, sunglasses, scarves, towels and wrist watches, is the owner of various trademarks, which cover its business or which are related to its business;

2. That by skill or invention as well as a lot of financial sacrifice and advertising on its part, the plaintiff company acquired an enormous reputation and goodwill,…Omissis…

3. That amongst others, the plaintiff company has validly registered in Malta, the trademarks with registration numbers 13950 (for the word 'Chanel') and 13951 (for the circular label 'CC' regarding handbags amongst others, 26136 (for the word Chanel) and 26137 (for the circular label 'CC') 9139, and 13952 and 16384 and 16434,

4. That the plaintiff company is the 'holder of a right' for the purposes of the relevant provisions of the Act regarding Intellectual Property Rights…Omissis…

5. Illi reċentement waqt l-iskrutinji taħt xi waħda mill-proċeduri doganali msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-istess Kap. 414, hawn qabel imsemmi, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-Container IPXU 3018214, ta' tul ta' 20 pied kontenenti fost oħrajn 3891 oġġetti konsistenti f'boroż, (handbags) nuċċalijiet tax-xemx, xalpi/scarves (oltre għall-kaxxi relattivi u għall-materjal ieħor ta' ppakkettjar ta' l-istess xalpi/scarves), xugamani, u arloġġi ta' l-idejn li lkoll fihom sinjali prominenti 'Chanel'…Omissis…u prima facie dehru ċar lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjetà intelletwali;

6. Illi s-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa bis-sejba fis-16 ta' Ġunju 2006 u wara li eżaminat ritratti elettroniċi ta' kampjuni ta' dawn l-oġġetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana, li fil-fatt dawn huma oġġetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet tagħha dwar proprjetà intellettwali;

7. Illi effettivament allura, l-oġġetti lkoll mertu ta' din il-vertenza jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi…Omissis…

8. Illi wara li s-soċjetà attriċi ngħatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, ġie lill-istess soċjetà attriċi prefiss terminu, sas-17 ta' Lulju 2006, mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tingħatalu l-prova li nbdew l-opportuni proċedimenti ġudizzjarji ċivili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu għal deċiżjoni sostantiva dwar il-merti tal-każ;

9. Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti;

1. tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'boroż (handbags), nuċċali tax-xemx, xalpi/scarves (oltre għall-kaxxi relattivi u għall-materjal ieħor ta' ippakkettjar ta' l-istess xalpi/scarves) xugamani, u arloġġi ta' l-idejn, li ilkoll fihom sinjali prominenti 'Chanel' u fil-każ tal-boroż (hand bags), nuċċ alijiet tax-xemx, u xalpi/scarves għall-kaxxi relattivi u għall-materjal ieħor ta' ppakkettjar ta' l-istess xalpi/scarves) tikketta ċirkolari –'CC' u li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur ta' Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-Container IPXU 3018214, kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontavvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-Kummerċ…Omissis…

3. tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar

5. That recently during the scrutiny under one of the customs procedures mentioned in Article 4 of the same Chapter 414, herein before mentioned, the Comptroller of Customs suspended, the release of Container IPXU3018214, 20 feet in length containing amongst others 3891 objects consisting in handbags, sunglasses, scarves, besides the relative boxes and other material for the packing of the same scarves) towels, and wrist watches which all have prominently the signs 'Chanel'…Omissis… and prima facie they appeared clearly to the Comptroller of Customs, to contravene an intellectual property right;

6. That the plaintiff company was duly informed of the finding of the 16th June 2006, and after examining electronic photos of these objects, confirmed to the same Comptroller of Customs, that these objects are counterfeit and contravene its rights regarding intellectual property;

7. That effectively thus, the objects merit of this dispute contravene the intellectual property rights of the plaintiff company…Omissis…

8. That after the plaintiff company, was given the details of the defendant by the Comptroller of Customs, a term was fixed for the same plaintiff company, till the 17th July 2006, by the aforementioned Comptroller of Customs, so that he is provided, with the proof that the opportune civil proceedings, have been instued against the defendant which bring about a substantive decision on the merits of the case;

9. That the applicant nomine knows personally all the facts herein declared;

10. That thus this cause had to be made.

Thus for the reasons before premised the plaintiff nomine humbly prays this Honourable Court;

1. to declare that the objects consisting in handbags,sunglasses, scarves (besides the relative boxes and other packaging material of the same scarves) towels, and wrist watches, which all have the prominent signs 'Chanel' and in the case of handbags, sunglasses and scarves for the relative boxes and other packing material of the same scarves circular label 'CC" and which are presently under the authority of the Comptroller of Customs, after he suspended the release of Container IPXU 301814, containing the same objects contravene the intellectual property rights of the plaintiff company;

2. to order the Comptroller of Customs to dispose from these objects outside from the chanels of Trade…Omissis…

3. to take or order the Comptroller of Customs to take as

dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

4. tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi…Omissis…

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista tax-xhieda.

Elenku tad-Dokumenti.

Notifiki: Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' Chanel Limited, kumpannija estera ta' nazzjonalità Ingliża reġistrata fir–Reġistru tal-kumpanniji ta' l-Ingilterra u Wales magħruf bħala Companies House, bin-numru ta' reġistrazzjoni 203669 u b'indirizz reġistrat ta' 19/21 Old Bond Street, London, W1.

84, Triq Melita, Valletta VLT 12.

Konvenuta: Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil VISA Negoce (SARL) Import Export ta' No. 341 Rue 10 Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca, il-Marokk.

Il-Qorti, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, LLD. Duttur tal-Liġi.

Illum 29 ta' Lulju 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistraur,Qrati Ċivili u Tribunali

regards these objects, any other measure that shall have the effect to effectively deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

4. to order that the defendant is to bear all the expenses of the measures, ordered, in terms of the second and third demands of the plaintiffs…Omissis…

With costs, against the defendant, who from now is summoned so that a reference to its evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify: Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL,B. (Hons) LL.D. holder of Identity Card number 258269 letter 'M' as special mandatary of Chanel Limited a foreign company domiciled in England, registered, in the Registry of companies of England and Wales known as Companies House, with registration number 203669 and with a registered address of 19/21 Old Bond Street, London, W1.

84, Melita Street, Valletta 12.

Defendant: Deputy Curators to represent VISA Negoce (SARL) Import Export of No. 341 Rue 10 Lot Hadj, Fatah, Lissafa, Casablanca, Marokk.

Courts of Justice, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Giannino Caruana Demajo, LL.D. Doctor of Laws.

Today 29th July 2006.

Registry of the Superior Courts, today 22nd December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla, permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 943/2005 AL, fl-ismijiet Xuereb Anthony et vs Zammit Alessio et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Anthony Xuereb u Maria Iris Xuereb, Karta ta' l-Identità 14927(M) u 714329(M), ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-7 ta' Ottubru 2005, kontra Alessio Zammit u Catherine Zammit, fejn talbu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa għas-smigħ skond l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili in visto ta' l-affidavit ta' l-atturi hawn annessi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u disgħa u erbgħin lira Maltija (Lm649) rappreżentanti arretrati ta' kera.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu penali ta' Lira (Lm1) kuljum.

4. Tordna lill-konvenuti jiżgumbraw mill-garaxx hawn imsemmi u jirritornaw iċ-ċavetta lill-atturi.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri bonarji datati 6 ta' Settembru 2005.

Konvenuti: 34, Triq it-Turretta, il-Kalkara.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 943/2005 AL, fl-ismijiet Xuereb Anthony et vs Zammit Alessio, tinsab differita għad-9 ta' Jannar 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 31st October 2006, in the records of the Writ of Summons number 943/2005 AL, in the names Xuereb Anthony et vs Zammit Alessio et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Anthony Xuereb and Maria Iris Xuereb, Identity Card 14927(M) and 714329(M) filed a Writ of Summons, in the First Hall Civil Court, on the 7th October 2005, against Alessio Zammit and Catherine Zammit, wherein they asked the defendants why this Honourable Court should not;

1. Decide the case without proceeding to a hearing according to Article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure in view of the affidavit of the plaintiffs hereby attached.

2. Condemn the defendants to pay the plaintiffs the sum of six hundred and forty nine Maltese Liri (Lm649) representing arrears of rent.

3. Condemn the defendants to pay a penalty of one Lira (Lm1) daily.

4. Order the defendants to vacate from the garage mentioned and return the key to the plaintiffs.

With costs, including those of the interpellatory letters, dated 6th September 2005.

Defendants: 34, Turretta Street, Kalkara.

The case Writ of Summons Number 943/2005 AL, in the names Xuereb Anthony et vs Zammit Alessio, has been put off to the 9th January 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 29th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*